MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 17/2006

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B tas-16 ta’ Jannar 2006 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

“Premess illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fil-31 ta' Marzu 1992;

U premess illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

U premess illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante illi l-istess konvenut

huwa hati ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, swat, theddid u ingurji gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess attrici u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort unikament ta' l-istess konvenut;

U premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Dok.LB 1);

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli unikament lill-konvenut u dan ghar-ragunijiet ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, swat, theddid u ingurji gravi kommessi kontra l-istanti kif fuq premess, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-attrici retta alimentari f'dik is-somma illi tigi komputata minn din l-Onorabbli Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u bzonnijiet ta' l-attrici u dan a tenur ta' l-artikolu 54(1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema retta alimentari ghandha tinqata' direttament mil-paga tal-konvenut;

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte ta' l-artikoli 48 sa 52 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, nkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici;

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg prozjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-konvenut ope sententium, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci tal-konvenut fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lil konvenut sabiex 'jirrestitwixxi lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha u li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju,

li ghandu jigu lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundanna lil istess konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

6. Tawtorizza lil attrici tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-konvenut ghad-durata ta' hajjitha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”.

Rat in-nota ta’ eccezzjoni tal-konvenut C B tas-27 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. “Illi fl-ewwel lok,· huwa jaqbel li hemm ragunijiet bizzejjed li jaghtu lok ghall-firda personali taghhom izda dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici fosthom dawk ta' minaccji, eccessi, sevizzi u ingurji gravi da parti ta' l-istess attrici.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa ma jaqbilx mat-tieni talba attrici u cioe dwar manteniment ghall-istess attrici u dan peress illi l-istess attrici ddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut, tant li l-konvenut bi hsiebu jipprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu li jipprezenta kontro-talba, inter alia f'dan is-sens.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa ma jaqbilx mat-tielet talba attrici peress illi huwa ma tax lok sabiex l-provvedimenti hemm hekk indikati jigu applikati fil-konfront tieghu izda kienet l-istess attrici li bl-agir taghha tat lok li l-provvedimenti imsemmija jigu applikati fil-konfront taghha, tant li l-konvenut bi hsiebu jiprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu li jipprezenta kontr-talba, inter alia f'dan is- sens ukoll.

4. Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi xolta b'dan illi l-istess komunjoni ghandha tigi diviza f'zewg partijiet mhux

necessarjament ikunu ugwali bejn il- kontendenti, b'dan illi fil-komunjoni ghandu jidhol dak kollu li gie akkwistat tul iz-zwieg tal-partijiet u jigi eskluz minnha il-beni parafemali tal-partijiet.

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa jiddikjara ghal fini tal-hames talba attrici illi huwa ma ghandu l-ebda propjeta parafemali tal-attrici f'idejh u li se mai huwa ghandu krediti kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti, tant li l-konvenut bi hsiebu jipprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu li jipprezenta kontro-talba, inter alia f'dan is-sens ukoll.

6. Illi fis-sitt lok u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa jopponi ghas-sitt talba attrici fis-sens li d-dar matrimonjali tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u ghaldaqstant ghandha tinbiegh bir-rikavat taghha jinqasam bejn il- partijiet.”

Rat il-provi imressqa quddiem l-Assistenti Gudizzjarji.

Rat illi l-partijiet kienu ilhom jippruvaw jaslu ghal separazzjoni konsenswali.

**Il-ftehim tal-partijiet**.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta’ Gunju 2012 il-partijiet ipprezentaw nota konguntiva bit-termini ghal separazzjoni konsenswali li xtaqu li jigu inkorporati f’sentenza.[1] Din in-nota taqra hekk:-

“Nota konguntiva tal-partijiet ta' A B u C B

Li permezz taghha l-partijiet qed jinfurmaw lil din l-Onorabbli Qorti li huma qablu fuq is-segwenti u jitolbu li l-kawza u l-kontro-talba jigu decizi kif gej:

A. MANTENIMENT

Il-partijiet jaqblu l-konvenut jgawdi is-segwenti krediti fil-konfront tal-komunjoni tal- akkwisti, ossia:-

[1] Fol. 259

i. Tletin elf, mitejn u wiehed u tmenin euro u hamsa u tmenin centezmu (€30.281.85) gia ekwivalenti ghal tlettax-il elf Liri Maltin (Lm13,000) naxxenti mill-bejgh waqt is-zwieg tal-fond Harry House, Valletta, Road Qormi, propjeta' parafernali tal-konvenut;

ii. Tlettax-il elf disa mija u sitta u sebghin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) gia ekwivalenti ghal sitt elef Liri Maltin (Lm6,000) naxxenti mill-bejgh waqt iz-zwieg tal-vettura Mercedes 123 bin-numru N1584, propjeta parafernali tal-konvenut;

iii. Tmint elef u tnejn u temenin euro u tnejn u disghin centezmu (€8,082.92) gia ekwivalenti ghal tlett elef erba' mija u sebghin Liri Maltin (Lm3,470), dovuti lill-konvenut gha-ragunijiet ahjar spejgati fil-paragrafu 35 ittri (c) u (d) tal- affidavit tal-konvenut.

B'kollox tnejn u hamsin elf, tlett mija u wiehed u erbghin euro u centezmu (€52,341.01)

Il-partijiet jaqblu li nofs l-krediti parafernali altrimenti dovuti lill-konvenut jigu assenjati lill-attrici bhala hlas bil-quddiem "lump sum" ta' manteniment, ghas-saldu ta' kull dritt jew pretensjoni tal-attrici f'dan ir-rigward, b'mod li hadd mill-partijiet ma jibqghalu krediti parafernali x'javvanza kontra l-komunjoni tal-akkwisti. B'dan illi jkunu xi jkunu c-cirkustanzi tal-partijiet, l-attrici ma jkollha dritt ghall-ebda manteniment ulterjuri da parti tal-konvenut. Da parti tieghu, il-konvenut jiddikjara li huwa ddekada minn kull dritt li jitlob u/jew jircievi manteniment minghand l-attrici.

B. SUCCESSJONI

Il-partijiet jaqblu u umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li huma ddekadew reciprokament minn kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin, inkluz kull sehem altrimenti talvolta spettanti lilhom skond il-ligi.

C. KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

(a) Il-partijiet jaqblu li l-ass principali tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom huwa l-fond matrimonjali bin-numru ufficjali mija u tmienja u tmenin (188), Arcade Street,

Paola bil-garaxx anness maghha, li giet valutat fis-somma ta' mija u sitta u tmenin elf euro (€186,000);

(b) Il-partijiet jaqblu wkoll li prezentament il-konvenut jghix l- Awstralja;

(c) Il-partijiet jaqblu u jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi:

(i) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), ossia d-data meta l-partijiet ma baqghux jghixu flimkien, b'dan illi l-fond fuq imsemmi jibqa komuni nofs b'nofs bejniethom;

(ii) sakemm dan l-immobbli jinbiegh fuq is-suq miftuh u sakemm il-konvenut jibqa' residenti l-Awstralja, l-attrici ikollha d-dritt li tkompli tirrisjedi fl-istess dar. L-ebda parti ma jkollha l-ebda dritt jew il-fakolta' li tikri, tbiegh, tassenja, jew b'xi mod tittrasferixxi jew tiddisponi mill-immobbli, jew xi parti minnhom anke' jekk is-sehem tieghu jew taghha stess, jew tikkoncedi xi dritt jew piz inkluz ipoteki jew privileggi fuq l-istess, u dan bi kwalsiasi titolu, reali jew personali, oneruz jew gratuwitu, a favur ta' kwalsiasi persuna ohra minghajr il-kunsens specifiku u bil-miktub tal-parti l-ohra. F'kaz li l-konvenut ma jibqax residenti l-Awstralja u jirritornha lura Malta, il-konvenut u l-attrici jkollhom l-istess drittijiet li jabitaw fil-fond de quo. F'kull kaz, l-attrici ma tkunx intitolata li tbiddel ic- cavetta tal-fond u f'kaz li tbiddilha, tkun trid tghaddi kopja tal-istess cavetta lill-konvenut jew persuna indikata minnu fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha minn mindu tbiddilha. L-attrici tobbliga ruhha li tghaddi kopja tac-cavetta attwali tal-imsemmi fond lill-konvenut jew rapprezentant tieghu fi zmien sebat ijiem minn meta s- sentenza tghaddi in gudikat.

(iii) Dan l-immobbli ghandu jinbiegh bil-prezz ta' mija sitta u tmenin elf euro (€186,000) u f'kaz li xi wahda mill-partijiet tonqos, minghajr raguni valida, milli tidher fuq il-konvenju jew il-kuntratt relattiv ghal bejgh tal-propjeta' fi zmien ghaxart (10) ijiem tax-xoghol minn meta l-parti l-ohra tkun interpellatha ghal dan il-ghan, allura dik il-parti li tkun nqaset ssir passibbli li thallas lill-parti l-ohra penali fl-ammont ta' mitt euro (€100) ghal kull jum jew parti minnu ta' morozita, liema penali tkun dovuta ghas- semplici

dewmien u ma tkunx suggetta ghall-ebda tnaqqis da parti tal-Qrati. Inoltre, f'kaz li l-parti li tkun naqset milli tidher fuq il-konvenju jew il-kuntratt finali minghajr raguni valida tkun l-attrici u tali nuqqas jsehh fiz-zmien meta l-konvenut jkun ghadu ma jirrisjedix fil- fond, allura d-dritt tal-attrici li tibqa' tirrisjedi fil-fond jintemm ipso iure u ipso facto u l-attrici ghandha tivvaka mill-fond fi zmien gimgha minn meta l-konvenut jinterpellaha biex tizgombra mill-fond, taht penali ta' mitejn u hamsin euro (€250) ghal kull jum jew parti minnu ta' morozita f’kaz li l-attrici tonqos milli tivvaka l-fond, liema penali tkun dovuta ghas-semplici dewmien u wkoll ma tkunx suggetta ghall-ebda tnaqqis da parti tal-qrati. F'kaz ta' konvenju, l-interpellazzjoni li ssir lill-parti l-ohra sabiex tersaq ghall-konvenju ghandha tkun bil-miktub, permezz ta' ittra, fax jew e-mail u ghandha tkun tinkludi d-dettalji kollha tan-negozju propost, inkluz l-prezz li jkun qed joffri l-akkwirent prospettiv kif ukoll il-kundizzjonijiet saljenti kollha bhal zmien tal-validita' tal-konvenju, modolitajiet tal-pagament kif ukoll kundizzjonijiet li mhux solitu li jkunu inkluzu f'konvenju, b'mod li l-parti li tkun qed tigi hekk interpellatha jkollha stampa cara tal-bejgh propost.

(iv) F'kaz illi l-fond ma jinbieghx fi zmien sena minn meta s- sentenza tghaddi in gudikat, il-prezz jonqos bi ftehim bejn il-partijiet. F'kaz li l-partijiet ma jaqblux bil-miktub fi zmien gimgha minn gheluq is-sena fuq prezz minimu gdid li ghalih jkunu disposti li jbieghu l-propjeta', kull parti tkun libera li tbiegh jew tiddisponi minn sehemha fil-fond separatament kif ukoll li titlob id-divizjoni u/jew bejgh b'licitazzjoni tal-fond.

(v) In vista ta' dak indikat taht it-titolu "Manteniment", ir-rikavat mill-bejgh tad-dar, wara li jitnaqqsu t-taxxi u l-ispejjez kollha relattivi, ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Il-partijiet jaqblu illi mill-parti dovuta lill-konvenut, l-attrici ghandha l-ewwel tithallas l-ammont ta' hamest' elef Ewro (€5,000) minn sehem il-konvenut rapprezentanti nofs id-dejn li ghad fadal ma' l-APS Bank Ltd. Minn naha taghha, l-attrici qed tobbliga ruha li tkompli thallas il-pagamenti mensili mal-Bank u qed tassumi fuqha

r-responsabilita kollha ghall-pagament ta' kull ammont dovut mill-partijiet jew min minnhom lil APS Bank Ltd.

(d) Il-partijiet inoltre jaqblu u jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi:-

(i) Id-dejn ta' cirka hdax-il elf euro (€l1,000) li hemm ma' APS Bank Ltd, jigi assenjat esklussivament lill-attrici mentri jekk jirrizulta xi dejn gravanti l-kommunjoni tal- akkwisti favur il-familjari ta' xi wiehed jew wahda mill-partijiet, tali dejn jithallas mill-parti illi tkun hekk relatata mall-kreditur. Kull parti ghandha tkun responsabbli ghall-hlas tad-dejn kollu ikkontrattat unikament minn dik il-parti ad insaputa tal-parti l-ohra.

(ii) is-servizzi nstallati fid-dar matrimonjali fuq imsemmi sakemm din tinbiegh jithallsu esklussivament mill-attrici sakemm l-konvenut ma jkunx qed jghix huwa wkoll fl-imsemmi fond;

(iii) kull parti jiehu/tiehu l-kontijiet bankarji intestati f'isimhom.

D. SPEJJEZ TAL-KAWZA.

Il-partijiet jaqblu u jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs minn kull parti.”

Rat illi t-termini miftehma bejn il-partijiet jaqghu fil-parametri ta’ din il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi t-talbiet attrici u t-talbiet rikonvenzjonali bil-mod segwenti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-konjugi B minhabba li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabilment.

2. (i) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), ossia d-data meta l-partijiet ma baqghux

jghixu flimkien, b'dan illi l-fond fuq imsemmi jibqa komuni nofs b'nofs bejniethom;

(ii) sakemm dan l-immobbli jinbiegh fuq is-suq miftuh u sakemm il-konvenut jibqa' residenti l-Awstralja, l-attrici ikollha d-dritt li tkompli tirrisjedi fl-istess dar. L-ebda parti ma jkollha dritt jew il-fakolta' li tikri, tbiegh, tassenja, jew b'xi mod tittrasferixxi jew tiddisponi mill- immobbli, jew xi parti minnhom anke' jekk is-sehem tieghu jew taghha stess, jew tikkoncedi xi dritt jew piz inkluz ipoteki jew privileggi fuq l-istess, u dan bi kwalsiasi titolu, reali jew personali, oneruz jew gratuwitu, a favur ta' kwalsiasi persuna ohra minghajr il-kunsens specifiku u bil-miktub tal-parti l-ohra. F'kaz li l-konvenut ma jibqax residenti l-Awstralja u jirritornha lura Malta, il-konvenut u l-attrici jkollhom l-istess drittijiet li jabitaw fil-fond de quo. F'kull kaz, l-attrici ma tkunx intitolata li tbiddel ic-cavetta tal-fond u f'kaz li tbiddilha, tkun trid tghaddi kopja tal-istess cavetta lill-konvenut jew persuna indikata minnu fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha minn mindu tbiddilha. L-attrici tobbliga ruhha li tghaddi kopja tac-cavetta attwali tal-imsemmi fond lill-konvenut jew rapprezentant tieghu fi zmien sebat ijiem minn meta s- sentenza tghaddi in gudikat.

(iii) Dan l-immobbli ghandu jinbiegh bil-prezz ta' mija sitta u tmenin elf euro (€186,000) u f'kaz li xi wahda mill-partijiet tonqos, minghajr raguni valida, milli tidher fuq il-konvenju jew il-kuntratt relattiv ghal bejgh tal-propjeta' fi zmien ghaxart (10) ijiem tax-xoghol minn meta l-parti l-ohra tkun interpellatha ghal dan il-ghan, allura dik il-parti li tkun naqset u ssir passibbli li thallas lill-parti l-ohra penali fl-ammont ta' mitt euro (€100) ghal kull jum jew parti minnu ta' morozita, liema penali tkun dovuta ghas-semplici dewmien u ma tkunx suggetta ghall-ebda tnaqqis da parti tal-Qrati. Inoltre, f'kaz li l-parti li tkun naqset milli tidher fuq il-konvenju jew il-kuntratt finali minghajr raguni valida tkun l-attrici u tali nuqqas jsehh fiz-zmien meta l-konvenut jkun ghadu ma jirrisjedix fil-fond, allura d-dritt tal-attrici li tibqa' tirrisjedi fil-fond jintemm awtomatikament fil-jum li fih jigi kommess tali nuqqas u l-attrici tkun obbligata li tivvaka mill-fond fi zmien gimgha minn meta l-konvenut jinterpellaha biex tizgombra mill-fond, taht penali

ta' mitejn u hamsin euro (€250) ghal kull jum jew parti minnu ta' morozita f'kaz li l-attrici tonqos milli tivvaka l-fond, liema penali tkun dovuta ghas-semplici dewmien u wkoll ma tkunx suggetta ghall-ebda tnaqqis da parti tal-qrati. F'kaz ta' konvenju, l-interpellazzjoni li ssir lill-parti l-ohra sabiex tersaq ghall-konvenju ghandha tkun bil-miktub, permezz ta' ittra, fax jew e-mail u ghandha tkun tinkludi d-dettalji kollha tal-bejgh propost, inkluz l- prezz li jkun qed joffri l-akkwirent prospettiv kif ukoll il-kundizzjonijiet saljenti kollha bhal zmien tal-validita' tal-konvenju, modolitajiet tal-pagament kif ukoll kundizzjonijiet li mhux solitu li jkunu inkluzu f'konvenju, b'mod li l-parti li tkun qed tigi hekk interpellata jkollha stampa cara tal-bejgh propost.

(iv) F'kaz illi l-fond ma jinbieghx fi zmien sena minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat, il-prezz jonqos bi ftehim bejn il-partijiet. F'kaz li l-partijiet ma jaqblux bil-miktub fi zmien gimgha minn gheluq is-sena fuq prezz minimu gdid li ghalih jkunu disposti li jbieghu l-propjeta', kull parti tkun libera li tbiegh jew tiddisponi minn sehemha fil-fond separatament kif ukoll li titlob id-divizjoni u/jew bejgh b'licitazzjoni tal-fond.

(v) In vista ta' dak indikat taht it-titolu "Manteniment", ir-rikavat mill-bejgh tad-dar, wara li jitnaqqsu t-taxxi u l-ispejjez kollha relattivi, ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Bi qbil bejn il-partijiet il-Qorti tordna illi mill-parti dovuta lill-konvenut, l-attrici ghandha l-ewwel tithallas l-ammont ta' hamest' elef Ewro (€5,000) minn sehem il-konvenut rapprezentanti nofs id-dejn li ghad fadal ma' l-APS Bank Ltd. Filwaqt li l-attrici tkun obbligata li tkompli thallas il-pagamenti mensili mal-Bank u tkun responsabbli ghall-pagament ta' kull ammont dovut mill-partijiet jew min minnhom lil APS Bank Ltd.

3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob minghand l-attrici manteniment ghalih.

4. In vista tal-krediti parafernali tal-konvenut kontra l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet kif deskritti fuq il-ftehim fuq imsemmi, u in vista tar-rinunzja da parti tal-

konvenut li jesigi l-hlas lilu ta’ tali krediti parafernali, il-Qorti tiddikjara li kwalunkwe manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici mill-konvenut sew ghall-passat kif ukoll ghall-futur issa gie saldat, u ghalhekk m’hemm l-ebda manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici.

5. Tiddikjara li l-partijiet iddekadew reciprokament li jirtu lil xulxin.

6. Tiddikjara illi d-dejn ta’ cirka hdax-il elf euro (€l1,000) dovut lil APS Bank Ltd, ghandu jithallas esklussivament mill-attrici. Jekk jirrizulta xi dejn gravanti l-kommunjoni tal- akkwisti favur il-familjari ta' xi wiehed jew wahda mill- partijiet, tali dejn jithallas mill-parti illi tkun hekk relatata mall-kreditur. Kull parti hi responsabbli ghall-hlas tad-dejn kollu ikkontrattat unikament minn dik il-parti ad insaputa tal-parti l-ohra.

7. Sakemm tinbiegh id-dar matrimonjali fuq imsemmija, l-ispejjez relatati mas-servizzi fid-dar matrimonjali jithallsu esklussivament mill-attrici, sakemm il-konvenut ma jkunx qed jghix fid-dar matrimonjali, f’liema cirkostanza l-ispejjez relatati mad-dar matrimonjali jithallsu miz-zewg partijiet f’ishma indaqs bejniethom.

8. Il-kontijiet bankarji qed jigu assenjati lil dik il-parti li f’ismu jew f’isimha jinsabu intestati l-imsemmija kontijiet bankarji.

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza jinqassmu bejn il-partijiet f’ishma indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------